MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 519/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stefan Predescu**

Il-Qorti:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti fl-14 ta' Dicembru 2011 li permezz taghha dik il-qorti ordnat li Stefan Predescu (hawn aktar 'il quddiem "l-estradant") (ta' nazzjonalita` Rumena, imwieled fl-1 ta' Novembru 1986, bin Alecu Predescu u Ilinka nee` Giorgi) jinzamm taht kustodja sabiex jistenna li jigi mregga' lura lejn ir-Rumanija in konnessjoni mas-sentenza definittiva moghtija mill-Galati Appeal Court tas-16 ta' April 2010 (fl-atti tal-process numru 2914/231/2008, Focsani Court of Law, Vrancea County), b'dan pero` li t-treggija lura

ghandha ssir wara li jiskadu sebat ijiem mid-data ta' l-Ordni u b'dan illi l-estradant jista' jinterponi appell mill-Ordni u f'kaz li jhoss illi xi dritt spettanti lilu nkiser, qed jinkiser jew ser jinkiser, ghandu jedd sabiex jitlob rimedju taht il-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taht il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** B'rikors intavolat fil-21 ta' Dicembru 2011 l-estradant appella mill-Ordni, talab it-thassir ta' l-Ordni u li jigi ordnat il-helsien immedjat tieghu.

**3.** B'risposta tieghu tat-23 ta' Dicembru 2011 l-Avukat Generali osserva li l-appell hu *fuori termine* u li ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ta' appell ta' l-estradant.

**4.** Waqt it-trattazzjoni fis-seduta ta' l-4 ta' Jannar 2012, id-difensur ta' l-appellant issottometta illi l-perijodu ghall-appell huwa qasir wisq, jikkostitwixxi negazzjoni tad-dritt ta' appell u ghalhekk huwa leziv tad-dritt ta' l-appellant ghal smiegh xieraq. Id-difensur ta' l-appellant stqarr illi huwa kien okkupat f'guri u talab verbalment lill-ewwel Qorti tramite d-deputat taghha sabiex is-sentenza ma tinghatax fl-14 ta' Dicembru 2011 izda tithalla ghal gurnata ohra. Nonostante dan, is-sentenza nghatat f'dik il-gurnata.

**5.** Din il-Qorti tghid mill-ewwel illi l-ilment ta' l-appellant, in kwantu tista' tiftiehem bhala talba sabiex issir riferenza kostituzzjonali, hija frivola u vessatorja. L-ewwelnett id-difensur ta' l-appellant jaf illi l-mod kif wiehed jitlob differiment mhuwiex billi jhalli risposta mad-deputat ta' l-awla izda billi jipprezenta rikors u jgib ic-cirkostanzi kollha tat-talba ghal differiment a konjizzjoni tal-Qorti b'dak il-mod. Inoltre din il-Qorti ma taqbel bl-ebda mod illi t-terminu biex jigi pprezentat appell f'kazijiet ta' estradizzjoni huwa wiehed qasir wisq. Kull ma trid taghmel il-Qorti Rimandanti hu li tara jezistux il-presupposti fattwali biex issir l-estradizzjoni. Ghalhekk it-terminu ta' erbat jiem tax-xoghol huwa aktar milli sufficjenti. Imbaghad dawn huma kazijiet illi min-natura taghhom ma jippermettux dilungar. Ta' min josserva wkoll illi fil-kaz in ezami s-sentenza appellata nghatat fl-14 ta' Dicembru 2011, li

kienet il-gurnata ta' l-Erbgha. Dan ifisser illi l-appellant kellu mhux inqas minn sitt ijiem sabiex ihejji u jipprezenta r-rikors ta' appell tieghu.

**6.** Issa, ir-Rumanija hija pajjiz skedat skond l-Avviz Legali 320 tas-sena 2004. Ir-regolament 32 ta' dak l-Avviz Legali jipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 18 u 19 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta) "ghandhom ikunu japplikaw ghal appelli li jsiru minn persuna li tinzamm taht kustodja u ghal appelli mill-Avukat Generali skond il-kaz …." Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 276 jipprovdi:

"**Appell minn ordni li jibghat persuna taht kustodja skond l-artikolu 15 ghandu jsir b'rikors lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li jkun fih talba ghar-revoka ta' l-ordni tal-qorti, u ghandu jigi prezentat fir-registru tal-qorti rimandanti mhux iktar tard minn erbat ijiem tax-xoghol mid-data ta' l-imsemmi ordni."**

**6.** L-Ordni ghat-treggija lura ta' l-estradant inghata mill-Qorti Rimandanti fl-14 ta' Dicembru 2011. Minn ezami tal-kalendarju relattiv dan ifisser li l-ahhar gurnata li fiha seta' jigi pprezentat ir-rikors ta' appell mill-estradant odjern kien l-20 ta' Dicembru 2011. L-appell gie ntavolat fil-21 ta' Dicembru 2011. Minn dan jidher li m'hemm l-ebda dubju li r-rikors odjern gie pprezentat tardivament u ghalhekk il-pregudizzjali sollevata mill-prosekuzzjoni timmerita li tigi milqugha.

**7.** Fl-ahharnett ghal kull bwon fini din il-Qorti tirreferi ghall-verbal li ghamlet il-prosekuzzjoni fis-seduta ta' l-4 ta' Jannar 2012 quddiem din il-Qorti fejn iddikjarat li r-regolament 23 li ghalih tirreferi s-sentenza appellata kien gie emendat permezz ta' l-Avviz Legali 213 tas-sena 2011. Bis-sahha t'hekk kull Qorti Rimandanti trid taccerta ruhha biss jekk jezistux il-presupposti fattwali sabiex talba ghall-estradizzjoni tigix akkolta jew le. "Ghalhekk", ittenni l-prosekuzzjoni, "id-dritt ta' persuna li tigi mregga' lura ghal xi forma ta' appell jew *re-trial* jispetta lilha taht il-ligi tal-pajjiz rikjedent. Fil-fatt ir-Rumanija qieghda tassigura b'mod car u inekwivoku dak id-dritt fl-istess mandat ta'

arrest u allert fejn ticcita l-artikolu 522 tal-Kodici tal-Procedura Penali Rumen. B'hekk ma hemm ebda dubju li fir-ritorn l-estradant se jinghata dan id-dritt."

**8.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi, filwaqt illi tiddikjara bhala frivolu u vessatorju l-ilment ta' l-appellant li t-terminu akkorcjat biex jipprezenta appell huwa leziv tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, tilqa' l-pregudizzjali tal-prosekuzzjoni, tiddikjara li r-rikors ta' appell gie pprezentat tardivament u ghalhekk tiddikjarah null u bla effett.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------